MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 570/2004

**APS Bank Limited**

**Vs**

**Robert Micallef (Karta ta' Identita numru 137874M) u martu Caroline Micallef (Karta ta' Identita numru 402773M)**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' Lm642.16c (sitt mija u tnejn u erbghin lira Maltin u sittax-il centezmu) dovuta kwantu ghas-somma ta' Lm623.67c (sitt mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu) bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 11308430016 u kwantu ghas-somma ta' Lm18.49c

(tmintax-il lira Maltin u disgha w erbghin centezmu) bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 20000097991; u dana oltre l-imghax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2003.

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu din is-somma izda baqghu nadempjenti.

Ghaldaqstant il-konvenuti "in solidum" bejniethom ghandhom jigu kkundannati jhallsu lil APS Bank Limited l-imsemmija somma kif ukoll l-imghax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2003 sad-data tal-hlas effettiv u l-ispejjez u d-drittijiet ta' dawn il-proceduri.

Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx Risposta ghalkemm debitament notifikati;

Sema' lil Cheryl Ciappara tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------